ORDINANZA DWAR IL-FABBRIKI (KAP. 169)
Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Hsieb Ġenerali)

Arranġament tar-Regolamenti

1. Titolu u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.

TAQSIMA I

SKANSAR

Dispożizzjonijiet Ġenerali

3. Muturi primi.
4. Makkinarju trasmittenti.
5. Makkinarju ieħor.
6. Għamla w żamma tal-irpar.
7. Għamla w bejgħ ta' makkinarju.
8. Sustanzi perikoluži.
9. Tindif ta' makkinarju minn mara jew żagħżugħ.
10. Makni awtomatiċi.
11. Tagħlim fuq makkinarju perikoluż.
12. Terren, passaġġi, skali u slielem.
13. Mod mhux perikoluż fejn u kif wieħed jaħdem.
14. Aperturi ta' gruwa u bwieb simili.
15. Dispożizzjonijiet dwar makkinarju li ma għandux irpar.
16. Ktajjen, ħbula u paranki.
17. Krejnijiet u makni oħra li jtellgħu l-oġġetti.
18. Dħaħen perikoluži u nuqqas ta' ossiġenu.
19. Sustanza splussiva jew li tieħu n-nar.

TAQSIMA II

SAHHA U HSIEB ĠENERALI

Dispożizzjonijiet Ġenerali

20. Indafa.
21. Iffullar.
22. Temperatura.
23. Ventilazjoni.
24. Dwal.
25. Tnixxif tal-paviment.
26. Lokijiet sanitarji.
27. Fejn wieħed joqgħod bil-qegħda.
28. Ilma għax-xorb.
29. Imkejjen għall-ħasil.
30. Imkejjen għall-ħwejjeġ.
31. Fejn wieħed jiekol.

TAQSIMA III

SAĦĦA, SKANSAR U ĦSIEB ĠENERALI

Dispożizzjonijiet Speċjali

32. Kantini.
33. Makni taż-żejt.
34. Meta n-nisa u ż-żgħażagħ ma jistgħux jiġu mpjegati.
35. Fejn wieħed jiekol fi snajja perikoluża.
36. Ħarsien ta' l-għajnejn.
37. L-irfigħ bl-idejn.

TAQSIMA IV

PREVENZJONI U KONTROLL TA' MARD FUQ IX-XOGĦOL

38. Importazzjoni ta' kimika u materjali tossiċi.
39. Sostituzzjoni ta' sustanzi li jagħmlu l-ħsara.
40. Eżami tal-arja fl-ambjent tax-xogħol.
41. Ħżin ta' sustanzi kimiċi.
42. Avviż dwar mard fuq ix-xogħol.
43. Eżami mediku tal-impjegati.
44. Tneħħija ta' skart industrijali.

TAQSIMA V

DMIRIJIET ĠENERALI

45. Dmirijiet ta' min iħaddem u ta' dawk li jaħdmu għal rashom lejn min ma jaħdimx magħhom.
46. Dmirijiet ta' ħaddiema tas-snajja' eċċ. dwar oġġetti u sustanzi li jintużaw fuq ix-xogħol.
47. Dmir li wieħed ma jmissx, juża ħażin xi ħaġa.
48. L-impjegat ma għandux iħallas.
49. Dmirijiet ta' min iħaddem lejn l-impjegati tiegħu.
50. Dmirijiet ta' l-impjegati.

TAQSIMA VI

TAGĦRIF DWAR INĊIDENTI

51. Tagħrif dwar inċidenti.

TAQSIMA VII

AVVIŻI U REĠISTRI

52. Dħul ġewwa fabbrika.
53. Twaħħil ta' regolamenti.
54. Reġistri ġenerali.
55. Konservazzjoni ta' reġistri u dokumenti.

TAQSIMA VIII

TWETTIQ B'OBBLIGU

56. Setgħat ta' l-Ispetturi u tal-Awtorità Sanitarja.
57. Ħatra ta' Spetturi.
58. Projbizzjoni ta' kxif ta' tagħrif.
59. Setgħa tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li jagħlaq fabbrika eċċ.
60. Twettiq b'obbligu mill-Awtorità Sanitarja.

TAQSIMA IX

REATI U PIENI

61. Fuq min taqa' l-prova.
62. Reati.
63. Revoka ta' G.N. 458 ta' l-1945.

SKEDA

A.L. 52 ta' l-1986

ORDINANZA DWAR IL-FABBRIKI (KAP. 169)

Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Hsieb Ġenerali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Fabbriki, il-Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Hsieb Ġenerali).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew fis-seħħ wara wieħed u għoxrin ġurnata minn dak in-nhar li fih jitqegħdu fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati, skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Fabbriki, liema data tiġi avżata mill-Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali b'avviż fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Awtorità Sanitarja" tinkludi lis-Suprintendent, Uffiċjal Mediku Prinċipali, Uffiċjal Mediku Anzjan, Uffiċjal Mediku tas-Saħħa, Uffiċjal tas-Saħħa fuq ix-Xogħol, Uffiċjal tal-Iġjene fuq ix-Xogħol, Spettur tas-Saħħa u kull uffiċjal ieħor tad-Dipartiment tas-Saħħa li jkunu hekk awtorizzati bil-miktub mis-Suprintendent sabiex jiżguraw it-twettiq b'obbligu tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar il-ħsieb ġenerali u s-saħħa kif ukoll il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard fuq ix-xogħol;

"ċinga" tinkludi kull strixxa jew ħabel li jmexxu makna;

"dħaħen" tinkludi gass jew fwar;

"Direttur" tfisser id-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni;

"fabbrika" għandha l-istess tifsir bħal dak mogħti lilha fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza;

"fond" tinkludi kull post u tinkludi wkoll b'mod partikulari kull vettura, bastiment, tinda jew struttura li tiċċaqlaq;

"impjant" tinkludi kull makkinarju, tagħmir jew apparat;

"kantina" tfisser kull kamra li tkun, jew f'parti minnha jew kollha kemm hi, qegħda b'tali mod li mill-inqas nofs l-għoli tagħha, kif imkejjel mill-paviment **sas-saqaf**, ikun taħt wiċċ it-terren ta' madwarha jew it-terren l-aktar viċin tagħha;

"lok sanitarju" tinkludi urinali, lokijiet magħrufin bħala *water closets*, *earth closets* u *privies*, ħofor taħt il-forog u kull lok simili;

"makkinarju" tinkludi kull strixxa;

"makkinarju trasmittenti" tfisser kull xaft, rota, kaldarun, tarjola, sistema ta' roti taċ-ċinga li jdawwru kemm ix-xaft kemm fil-vojt, *couplings,* klaċċ, ċinga jew mezz ieħor li bih iċ-ċaqlieq ta' mutur prim jiġi trasmess jew jgħaddi għal ġewwa xi makna jew apparat;

"mara" tfisser persuna ta' sess femminili li tkun għalqet it-tmintax-il sena;

"min iħaddem" għandha l-istess tifsir bħal "min jokkupa";

"min jaħdem għal rasu" tfisser min jaħdem sabiex jagħmel qligħ jew jitħallas iżda mhux b'kuntratt ta' impieg, kemm jekk hu jħaddem lill-oħrajn jew le;

"min jokkupa" u "min iħaddem" ifissru xi wieħed minn dawk il-persuni msemmijin fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 6 ta' l-Ordinanza;

"miżmum sew" tfisser miżmum fi stat effiċjenti, f'qagħda li jaħdem sew, u fi stat tajjeb ta' tiswija;

"mutur prim" tfisser kull makna, mutur jew apparat ieħor li jkunu jissuplixxu enerġija mekkanika li tiġi minn stim, ilma, riħ, elettriku, il-kombustjoni jew ħruq ta' *fuel,* jew minn mezzi oħra;

"Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar il-Fabbriki;

"Spettur" tfisser Spettur maħtur skond l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

"żagħżugħ" tfisser min, kemm raġel jew mara, ikun għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena.

TAQSIMA I

SKANSAR

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Muturi primi.

3. (1) Kull volent konness direttament ma' mutur prim u kull parti li tiċċaqlaq ta' kull mutur prim, ħlief dawk il-muturi primi li huma msemmijin fil-paragrafu (2), għandu jkollhom irpari, sew jekk il-volent jew il-mutur prim ikunu jinsabu f'kamra tal-makni, kemm jekk le.

(2) Kull parti ta' ġeneraturi elettriċi, muturi u *rotary convertors,* u kull volent konness direttament magħhom, għandu jkollhom irpari tajbin ħlief jekk ikunu f'dik il-pożizzjoni jew ta' kostruzzjoni tali li ma jkunu ta' ebda periklu għal min ikun impjegat jew jaħdem fil-post, u daqskemm anqas ma kienu jkunu ta' periklu li kellhom irpari tajbin.

Makkinarju trasmittenti.

4. (1) Kull parti ta' makkinarju tramittenti għandu jkollha rpar tajjeb ħlief jekk tkun qiegħda f'dik il-pożizzjoni jew ta' kostruzzjoni tali li ma tkun ta' ebda periklu għal min ikun impjegat jew jaħdem fil-post u daqskemm anqas ma kienet tkun ta' periklu li kellha rpari tajba.

(2) Għandhom ikunu provduti u jinżammu għodod jew mezzi f'kull kamra jew post fejn isir ix-xogħol li bihom il-kurrent ikun jista' jinqata' minnufih mill-makkinarju trasmittenti f'dik il-kamra jew post.

(3) Ebda ċinga li ma tkunx qiegħda tintuża ma għandha titħalla tistrieħ jew tirkeb fuq xaft idur li jagħmel sehem mill-makkinarju trasmittenti.

(4) Għandu jkun hemm furketta ta' fuq it-tarjoli jew xi għodod oħra mekkaniċi effiċjenti li għandhom jinżammu u jintużaw biex jitħaddmu ċ-ċingi lejn u mir-roti li jdawwru x-xaft u li jduru fil-vojt u li jagħmlu sehem mill-makkinarju trasmittenti, u kull ingranaġġ jew għodod oħra għandhom ikunu magħmulin, imqegħdin u miżmumin hekk li ma jħallux illi ċ-ċinga tkun tista' terġa' tidħol weħidha fuq ir-rota taċ-ċinga li ddawwar ix-xaft.

(5) Meta d-Direttur hekk jidhirlu sew illi minħabba f'xi ċirkostanzi partikolari t-twettiq ta' xi waħda mill-ħtiġijiet imsemmijin fil-paragrafi (2) sa (4) ta' dan ir-regolament ma hijiex meħtieġa jew prattika, huwa jista' jordna illi dik il-ħtieġa ma għandhiex f'dawk iċ-ċirkostanzi tkun mitluba.

Makkinarju ieħor.

5. (1) Kull parti perikoluża ta' kull makkinarju, minbarra l-muturi primi u l-makkinarju trasmittenti, għandu jkollha rpari tajbin ħlief jekk tkun f'dik il-pożizzjoni jew ta' dik il-kostruzzjoni li ma tkun ta' ebda periklu għal kull min hu impjegat jew ikun jaħdem fil-post u daqskemm anqas ma kienet tkun ta' periklu li kellha rpari tajbin:

Iżda meta s-sigurtà ta' parti perikoluża ta' xi makkinarju ma tistax, minħabba fix-xorta tat-tħaddim, tiġi mħarsa bi rpar fiss, il-ħtiġijiet ta' dan ir-regolament għandhom jitqiesu li jkunu twettqu jekk jitqiegħed xi mezz li awtomatikament ma jħallix lill-operatur imiss ma' dik il-parti.

(2) Jekk xi parti mill-biċċa ta' wara tal-metall li jkun qed jinħadem fuq torn tkun toħroġ 'il barra lil hinn mill-*handstock* ta' torn, din għandu jkollha rpari tajbin ħlief jekk tkun f'dik il-pożizzjoni li ma tkun ta' ebda periklu għal kull min hu impjegat jew ikun jaħdem fil-post u daqskemm anqas ma kienet tkun ta' periklu li kella rpari tajbin.

6. Il-mezzi kollha ta' rpari u oħrajn maħsubin skond id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq ta' dan ir-regolament għandhom ikunu ta' għamla qawwija, u għandhom dejjem ikunu mqegħdin u jinżammu f'lokhom f'kull waqt li l-partijiet li għandom ikunu maqtugħin jew imħarsin ikunu jitmexxew jew jitħaddmu, ħlief meta jkun meħtieġ li xi partijiet minn dawn għandhom joqogħdu mikxufa għall-eżami jew biex jingħata ż-żejt jew biex issir xi tiswija li tkun irriżultat minn dak l-eżami u jkollha ssir minnufih. Għamla w żamma tal-irpar.

7. (1) Fil-każ ta' makna ġewwa fabbrika li hi ta' għamla li titħaddem b'enerġija mekkanika — Għamla w bejgħ ta' makkinarju.

(a) kull vit, skorfina jew kjavi fuq kull xaft idur, fus, rota, jew rota tal-ingranaġġ għandhom jindifnu, jingħalqu għalihom jew b'xi mod ieħor jitħarsu sew sabiex jiġi evitat kull periklu;

(b) kull rota ta' ingranaġġ u sistema ta' ingranaġġ ieħor bissnien jew tal-frizzjoni, li ma jkunx jeħtieġ ċaqlieq ta' aġġustament ta' spiss waqt li jkun qed jitħaddem, għandu jkun kollu kemm hu magħluq għalih innifsu ħlief jekk dan ikun f'pożizzjoni li ma jkun ta' ebda periklu daqslikieku kien għal kollox magħluq għalih innifsu.

(2) Kull min ibiegħ jew jikri, jew bħala l-aġent tal-bejjiegħ jew dak li jikri, jikkaġuna jew jirranġa l-bejgħ jew il-kiri, għall-użu ġewwa fabbrika, ta' xi makna li għandha titħaddem bl-enerġija mekkanika li ma tkunx taqbel mal-ħtiġijiet ta' dan ir-regolament għandu jkun ħati ta' reat.

(3) Ebda dispożizzjoni fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament ma għandha tkun tgħodd għar-rigward ta' kull makkinarju jew impjant li jkun inbiegħ jew inkera qabel ma jkunu ġew fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

8. (1) Kull reċipjent fiss, struttura, vaska għaż-żejt maħmuġ jew ħofra, li t-truf tagħhom ikun inqas minn metru 'il fuq mill-ogħla art, jew pjattaforma li minnha wieħed jista' jaqa' fihom, għandhom, jekk ikun fihom xi likwidu li jismot, korrosiv jew velenuż, jew ikunu mgħottijin sew jew ikollhom irpar tajjeb sa mill-anqas metru 'il fuq minn dik l-art jew pjattaforma, jew fejn minħabba fix-xorta tax-xogħol li jsir la jkunu jistgħu jitgħattew sew anqas ma jkun jista' jsirilhom irpar tajjeb sa dak l-għoli, għandhom jittieħdu dawk il-passi prattiċi kollha bl-għotjien, irpar jew kull mezz ieħor sabiex jitħares il-periklu ta' xi persuna li tista' taqa' fir-reċipjent, vaska few ħofra. Sustanzi perikoluži.

(2) Meta xi reċipjent fiss, struttura, vaska għaż-żejt maħmuġ jew ħofra ikun fihom xi likwidu li jismot, korrosiv jew velenuż li ma jkunx mgħotti sew, ebda sellum, skala jew *gangway* ma jistgħu jitqegħdu fuq, matul jew ġewwa fihom jekk dawn ta' l-aħħar ma jkunux:—

(a) mill-anqas 45 cm. wesgħin, u

(b) bi rpar tajjeb fuq iż-żewġ naħat sa għoli ta' mill-anqas metru u li jkunu mwaħħlin sew.

(3) Meta xi reċipjenti, strutturi, vaski taż-żejt maħmuġ jew ħofor bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament ikunu jingħaqdu flimkien, u l-ispazju ta' bejnithom, maqtugħ minn kull ġebel ta' madwarhom jew xogħol ieħor, ikun ta' inqas minn wisgħa ta' 45 cm., jew ma jkollhomx irpar tajjeb fuq iż-żewġ naħat sa għoli ta' mill-anqas metru wieħed, għandhom hemm jitqegħdu żbarri fissi b'mod li jiġi evitat li wieħed jgħaddi minn bejnithom.

(4) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, sellum, skala jew *gangway* ma għandhomx jitqiesu li għandhom rpar tajjeb sakemm dan ma jsirx jew b'xibka dawramejt jew b'poġġaman ta' fuq u ta' isfel u twavel għoljin għas-saqajn.

Tindif ta' makkinarju minn mara jew żagħżugħ.

9. Ebda mara jew żagħżugħ ma għandhom inaddfu ebda parti ta' **xi mutur prim jew ta' xi makkinarju trasmittenti filwaqt li l-mutur prim** jew il-makkinarju trasmittenti jkunu qegħdin jaħdmu, u ma għandhom inaddfu ebda parti ta' makna jekk bit-tindif tagħha dik il-mara jew dak iż-żagħżugħ jistgħu ikorru minn xi biċċa li tkun qed iddur sew jekk ta' dik il-makna jew ta' xi makkinarju ta' ħdejha.

Makni awtomatiċi.

10. (1) Ebda parti li timxi ta' xi makna awtomatika u ebda materjal li jinġarr fuqha ma għandhom, f'xi fabbrika, jekk il-wesgħa li jiġru fuqha hi waħda li minn taħtha jista' jgħaddi xi ħadd, jitħallew fiċ-ċaqlieq 'il barra jew 'il ġewwa tagħhom jiġru f'distanza inqas minn 45 ċentimetru minn xi struttura fissa li ma tagħmilx parti mill-makna.

(2) Għandhom jittieħdu dawk il-miżuri kollha prattiċi billi jingħataw struzzjonijiet lil min ikun qed jieħu ħsieb il-makna u mod ieħor sabiex jiġi żgurat li ħadd mill-impjegati ma jkun fil-wesgħa bejn xi parti li timxi ta' makna awtomatika u xi parti tal-makna li lejha tersaq **il-parti li timxi fiċ-ċaqlieq 'il ġewwa tagħha, minbarra meta l-makna tkun** twaqqfet u jkollha l-parti li timxi tagħha f'pożizzjoni bħal ma tkun fiċ-ċaqlieq 'il barra tagħha.

Tagħlim fuq makkinarju perikoluż.

11. (1) Ebda żagħżugħ ma għandu jaħdem f'xi makna li għaliha jgħodd dan ir-regolament, kemm-il darba, fil-fehma tad-Direttur, dan jew din ma jkunux ġew imwissijjin dwar il-perikli li jista' jkun hemm minn dik il-makna u mgħallmin kif jitħarsu minn dawk il-perikli, u —

(i) ikunu trawmu biżżejjed fix-xogħol ta' dik il-makna; jew

(ii) ikunu taħt it-tmexxija meħtieġa ta' bniedem li jifhem sewwa u jkun imħarreġ sħiħ f'dik il-makna.

(2) Dan ir-regolament jgħodd għal dawk il-makni li hemm indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, li huma makni li fil-fehma tad-Direttur huma daqstant perikoluż li ż-żgħażagħ ma għandhomx jaħdmu fuqhom ħlief jekk il-ħtiġijiet imsemmijin aktar 'il fuq ma jkunux twettqu.

Terren, passaġġi, skali u slielem.

12. (1) Kull terren, skala, taraġ, passaġġi u *gangways* għandu jkollhom għamla solida u jinżammu sew u għandhom ukoll, sakemm ikun bir-raġun prattiku, jinżammu ħielsa minn kull xkiel u minn kull sustanza li tista' żżellaq lil xi ħadd.

(2) Għal kull taraġ f'bini jew li jservi bħala mezz ta' ħruġ minn xi bini, għandu jkun hemm poġġaman provdut u miżmum sew, b'dan illi jekk it-taraġ għandu naħa miftuħa, dan il-poġġaman għandu jkun fuq dik in-naħa, u jekk it-taraġ għandu żewġ naħat miftuħin jew ikun taraġ illi, minħabba fix-xorta tal-għamla jew kundizzjoni tal-wiċċ tat-turġien tiegħu jew ċirkostanzi speċjali oħra, huwa probabbli ħafna li jagħti lok għal xi inċident, dak il-**poġġaman** għandu jkun ipprovdut u miżmum sew fuq iż-żewġ naħat.

(3) In-naħa miftuħa ta' taraġ għandha wkoll tkun protetta billi jkun hemm u tinżamm sew ringiela iktar baxxa taħt il-poġġaman jew xi mezz ieħor effikaċi.

(4) Kull ħofra li jkun hemm fit-terren għandu jkollha rpar sew, ħlief meta x-xorta tax-xogħol li jsir jagħmel li rpar bħal dan ma jkunx wieħed prattiku.

(5) Is-slielem kollha għandhom ikunu ta' għamla solida u miżmumin sew.

13. (1) Għandu jkun hemm, sakemm ikun bir-raġun prattiku, u miżmum sew u b'mod mhux perikoluż, lok fejn u kif wieħed f'kull ħin jista' jaħdem, u kull lok bħal dan għandu jkun, sakemm ikun bir-raġun prattiku, u jinżamm mhux perikoluż għal kull min ikun jaħdem fih. Mod mhux perikoluż fejn u kif wieħed jaħdem.

(2) Meta l-lok tax-xogħol ikun tali li wieħed jista' jaqa' minnu minn għoli ta' iktar minn żewġ metri, għalhekk, ħlief jekk il-lok ikun tali fejn wieħed jista' jqiegħed saqajh fiż-żgur, u, meta jkun meħtieġ, fejn wieħed ikollu wkoll ma' fejn jaqbad fiż-żgur, għandhom jiġu provvduti mezzi, sakemm ikun bir-raġun prattiku, bi rpar jew b'xi mod ieħor, sabiex jiġi assikurat in-nuqqas ta' periklu ta' min ikun qed jaħdem.

14. (1) **Kull apertura jew bwieb simili ta' gruwa li tintuża biex** jittellgħu jew jitniżżlu oġġetti jew materjal, kemm jekk b'qawwa mekkanika jew b'xi qawwa oħra, għandu jkollhom irpar sew kif ukoll ma' fejn wieħed ikun jista' jaqbad fiż-żgur ma' kull naħa. Aperturi ta' gruwa u bwieb simili.

(2) L-irpar għandu jkun miżmum sew u għandu jinżamm f'postu sew, ħlief għal meta jkunu qed jittellgħu jew jitniżżlu oġġetti jew materjal fl-apertura jew fil-bwieb.

15. (1) Sabiex jiġi determinat, għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet imsemmijin f'din it-Taqsima ta' dawn ir-regolamenti, jekk xi biċċa makkinarju hijiex qegħda f'dik il-pożizzjoni jew hijiex ta' dik l-għamla b'mod li ma tkunx perikoluża għal kull min ikun impjegat jew jaħdem fil-fond daqslikieku kienet tkun li kellha rpar fiss, għandhom japplikaw dawn il-paragrafi f'każ fejn dan ir-regolament ikun japplika, jiġifieri:— Dispożizzjonijiet dwar makkinarju li ma għandux irpar.

(a) ma għandux jitqies meta wieħed ikun qiegħed, filwaqt li l-biċċa makkinarju tkun qed taħdem, jagħmel spezzjoni jew jagħti ż-żejt jew jagħmel xi aġġustament li hekk ikun jidher mill-ispezzjoni li hu minnufih meħtieġ, jekk l-ispezzjoni, għoti taż-żejt

jew aġġustament jistgħu biss isiru filwaqt li dik il-biċċa makkinarju tkun qed titħaddem; u

(b) fil-każ ta' xi biċċa tal-makkinarju trasmittenti li tiġi użata f'xi proċess bħal dan kif jista' jkun indikat fir-regolamenti, li jkun proċess li minħabba fix-xorta kontinwa tiegħu, li wieħed iwaqqaf dik il-parti ikun ta' indħil serju fit-tkomplija tal-proċess, ma għandux jitqies meta wieħed ikun qiegħed, b'dawk il-modi u f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu indikati fir-regolamenti, jagħti ż-żejt jew iqiegħed iċ-ċineg fuq tarjola ta' xaft.

(2) Dan ir-regolament jgħodd biss meta l-ispezzjoni, għoti taż-żejt jew operazzjoni oħra tkun qegħda ssir minn dawk il-persuni li jkunu għalqu t-tmintax-il sena, u meta jitħarsu dawk il-kundizzjonijiet kollha li jistgħu jiġu hekk indikati.

Ktajjen, ħbula u paranki.

16. (1) **Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitħarsu għar-rigward ta' kull katina, ħabel jew parank li jkunu użati sabiex jittellgħu jew jitniżżlu nies, oġġetti jew materjali:—**

(a) ebda katina, ħabel jew parank ma għandu jintuża jekk dan ma jkunx ta' għamla tajba, materjal solidu, ikollu saħħa biżżejjed u jkun ħieles minn xi difett privattiv;

(b) bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, għandu jkun hemm tabella li turi l-akbar piżijiet li jinfeliħu b'mod mhux perikoluż ta' kull xorta w qies ta' katina, ħabel jew parank li jkunu qed jintużaw, u, fil-każ ta' braga, l-akbar piżijiet li jinfeliħu b'mod mhux perikoluż meta s-saqajn ikunu mqegħdin f'angoli differenti, liema tabella għandha titwaħħal fid-depożt fejn jinżammu l-ktajjen, ħbula jew parank u f'pożizzjonijiet prominenti fil-fond tax-xogħol, u ma għandhomx jintużaw ebda katina, ħabel jew parank li ma jkunux hekk indikati fit-tabella;

(ċ) ebda katina, ħabel jew parank ma għandhom jintużaw għal xi piż li jkun jaqbeż l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż kif muri fit-tabella msemmija fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu jew kif indikat bħalma hu msemmi fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament;

(d) il-ktajjen, ħbula u parank kollha li jkunu qed jintużaw għandhom ikunu eżaminati sew minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull sitt xhur jew f'dawk il-perjodi aktar twal li jistgħu jiġu stipulati;

(e) ebda katina, ħabel jew parank, minbarra ħabel tal-fibra jew braga tal-fibra, ma għandhom jitpoġġew ġewwa tabbrika għall-użu għall-ewwel darba f'dik il-fabbrika ħlief jekk dawn ma jkunux ġew ippruvati w eżaminati sew minn persuna kompetenti, u jkun inħareġ ċertifikat tal-prova u tal-eżami li jkun jispeċifika l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż li jkun ġie ffirmat minn min ikun għamel il-prova u l-eżami, u dan iċ-ċertifikat jinżamm disponibbli biex jiġi spezzjonat;

(f) kull katina u parank ħlief għal stropp tal-ħabel, sakemm ma jkunux ta' tip jew deskrizzjoni li jiġu ħekk eżentati b'ċertifikat tad-Direttur għar-raġuni li jkunu magħmulin minn dak il-materjal jew ikunu ta' dik l-għamla li ma jkunux jistgħu jissaħħnu mingħajr ma ssirilhom ħsara jew li jkunu qabel b'xi mod issaħħnu (minbarra l-ittemprar) kif minnu approvat, għandhom ikunu ttemprati mill-inqas darba kull erbatax-il xahar, jew, fil-każ ta' ktajjen jew bragi ta' qies ta' 2.5 ċentimetri jew anqas, jew ktajjen użati in konnessjoni ma' kull skorċa tal-ħadid sħun, f'kull sitt xhur, ħlief għal ktajjen u parank li ma jkunux jintużaw regolarment li għandhom ikunu biss ittemprati meta jkun meħtieġ;

(ġ) **għandu jinżamm reġistru li jitniżżlu fih il-partikolaritajiet** kollha stipulati għar-rigward ta' dawk il-ktajjen, ħbula jew paranki, ħlief għall-bragi tal-fibra.

(2) Is-subparagrafu (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma jgħoddx għar-rigward ta' xi parank, jekk l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż tiegħu, jew, fil-każ ta' braga, l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż meta s-saqajn ikunu mqeghdin f'angoli differenti, huwa indikat biċ-ċar fuqhom.

(3) F'dan ir-regolament, "parank" ifisser bragi tal-ktajjen u tal-ħbula, anelli, ganċijiet, xkiel u buzzelli.

Krejnijiet u makni oħra li jtellgħu l-oġġetti.

17. (1) Kull biċċa u kull makkinarju, kemm jekk fissi jew li jiċċaqalqu, inkluż l-apparat għall-ankrar jew biex jinżamm oġġett sod, ta' kull makna li ttellgħa l-oġġetti, għandhom ikunu ta' għamla tajba, materjal solidu, saħħa biżżejjed u ħelsien minn xi difett privattiv, u għandhom ukoll jinżammu sew.

(2) Dawn il-biċċiet u makkinarju kollha għandhom jiġu eżaminati minn persuna kompetenti mill-inqas darba kull żmien ta' erbatax-il xahar u għandu jinżamm reġistru li jitniżżlu fih il-partikolaritajiet stipulati ta' kull eżami; u meta joħroġ mill-eżami li makna li ttellgħa l-oġġetti ma tistax tkompli tintuża mingħajr periklu ħlief jekk isirulha tiswijiet immedjati jew fi żmien stabbilit, min jagħmel ir-rapport tal-eżami għandu, fi żmien tmienja u għoxrin jum minn meta jkun temm l-eżami, jibgħat kopja tar-rapport lid-Direttur.

(3) Il-binarji kollha li jgħaddi minn fuqhom krejn li jimxi u kull linja tal-ħadid li minn fuqha jgħaddu karru ta' trasportatur jew korsa tal-ħadid mnejn jgħaddi l-krejn, għandu jkollhom qies sew u saħħa adegwata u l-wiċċ ta' fuq tagħhom għandu jkun għal kollox lixx; u kemm dawn il-binarji jew linji tal-ħadid għandhom jitqegħdu sew, ikollhom support jew sospensjoni adegwati u jkunu miżmumin sew.

(4) Għandu jkun hemm indikat ċar fuq kull makna li ttellgħa l-oġġetti l-akbar piż jew piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż, ħlief li fil-każ ta' ġibbkrejn li jkun hekk magħmul li l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż jista' jiġi varjat bit-tlugħ jew inżul tad-drigħ tiegħu, dan għandu jkollu mwaħħal miegħu indikatur awtomatiku li juri l-akbar piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż jew tabella li tkun turi l-akbar piżijiet li jinfelħu mingħajr periklu f'inklinazjonijiet korrispondenti tad-drigħ jew raġġi korrispondenti tal-piż.

(5) Ebda makna li ttellgħa l-oġġetti ma għandha, ħlief għall-għan ta' xi prova, tkun mgħobbija b'piż akbar minn dak li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż kif muri jew indikat fil-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament.

(6) Ebda makna li ttellgħa l-oġġetti ma għandha tittieħed għall-użu ġeww fabbrika għall-ewwel darba f'dik il-fabbrika ħlief jekk ma tkunx ġiet ippruvata u jekk dawk il-biċċiet kollha u l-makkinarju kollu tal-makna imsemmijin fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma jkunux ġew eżaminati sew minn persuna kompetenti u jkun inħareġ ċertifikat tal-prova u tal-eżami li jispeċifika l-akbar piż jew piżijiet li jinfelħu mill-makna b'mod mhux perikoluż li jkun iffirmat minn min ikun għamel il-prova u l-eżami, u dan iċ-ċertifikat ikun disponibbli biex jiġi spezzjonat.

(7) Meta persuna tkun impjegata jew qegħda taħdem fuq jew ħdejn il-pista tar-rota ta' krejn li jiddendel minn fuq f'xi mkien fejn ikun jista' jintlaqat mill-krejn, għandhom jittieħdu miżuri effettivi billi jiġi avżat is-sewwieq tal-krejn jew b'xi mod ieħor sabiex jiġi żgurat li l-krejn ma jersaqx aktar qrib minn seba' metri minn dak l-imkien.

(8) Meta wieħed ikun impjegat jew qiegħed jaħdem b'mod differenti minn dak imsemmi fil-paragrafu (7) ta' dan ir-regolament iżda f'imkien 'il fuq mill-livell tal-art fejn ikun jista' jintlaqat minn krejn li jiddendel minn fuq, jew minn xi toqol li jkun qed jinġarr minn dan il-krejn, għandhom jittieħdu miżuri effettivi sabiex huwa jiġi avżat bir-resqien lejh tal-krejn, ħlief jekk xogħolu huwa daqstant konness jew jiddependi miċ-ċaqlieq tal-krejn li ma jkunx meħtieġ li jingħata avviż bħal dan.

(9) F'dan ir-regolament "makna li ttellgħa l-oġġetti" tfisser krejn, grabja, winċ, gruwa, blokka tat-tarjola, rota tal-parank, trasportatur jew korsa tal-ħadid mnejn jgħaddi krejn.

Dħaħen perikoluż u nuqqas ta' ossiġenu.

18. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu jgħoddu fejn ix-xogħol ġewwa fabbrika jkollu jsir ġewwa xi kamrin, tank, banju, ħofra, pajp, jew ventilatur li jkollu spazju konfinat bħal dan li fihom jista' jkun hemm daqstant dħaħen perikoluż li jistgħu ikunu ta' riskju li wieħed jifga fihom.

(2) L-ispazju konfinat għandu jkun, ħlief jekk hemm xi mezz ieħor adegwat ta' ħruġ, ipprovdut b'toqba *manhole,* li tista' tkun rettangolari, ovali, jew tonda fis-sura tagħha, u ma għandhiex tkun inqas minn 45 ċentimetru twila, u 40 ċentimetru wiesgħa, jew jekk tkun tonda ma għandhiex ikollha dijametru ta' inqas minn 45 ċentimetru.

(3) Bla ħsara għall-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament, ħadd ma jista' jidħol jew jibqa' fi spazju konfinat għal ebda raġuni ħlief jekk ma jkollux fuqu apparat tan-nifs tajjeb u jkun ġie awtorizzat jidħol hemm ġew minn persuna responsabbli, u, meta jkun prattiku, dan ikun liebes ċintorin b'ħabel marbut fiss miegħu u jkun hemm xi ħadd iżomm it-tarf l-ieħor tal-ħabel li jkun qiegħed jgħasses barra u jkun jiflaħ joħorġu 'l barra minn hemm ġew.

(4) Meta l-ispazju konfinat ikun ġie ċertifikat minn persuna responsabbli li jkun, għal żmien speċifikat, bla periklu għal min irid jidħol fih mingħajr apparat tan-nifs u ż-żmien speċifikat ma jkunx għadda, il-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament ma jgħoddx, iżda ħadd ma jista' jitħalla jidħol jew jibqa' f'dan l-ispazju sakemm ma jkunx ġie avżat meta jkun sejjer jgħaddi dak iż-żmien.

(5) Spazju konfinat ma għandux ikun ċertifikat taħt il-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament ħlief jekk —

(a) ikunu ttieħdu passi effettivi biex iżommu d-dħul ta' dħaħen perikoluż; u

(b) it-tjun kollha jew kull materjal ieħor li jista' jitfa dħaħen perikoluż jkun tneħħa u l-ispazju ma jkunx fih xi materjal ieħor li jkun jista' jitfa' dħaħen perikoluż; u

(ċ) l-ispazju jkun ventilat b'mod adegwat u ppruvat għal xi dħaħen perikoluż u jkollu provvista ta' arja adegwata sabiex wieħed ikun jista' jieħu n-nifs.

(6) Ħadd ma jista' jitħalla jidħol jew jibqa' fi spazju konfinat li fih il-proporzjon ta' ossiġenu fl-arja jista' jkun tnaqqas sew ħlief jekk —

(a) ma jkollux fuqu apparat tan-nifs tajjeb; jew

(b) l-ispazju jkun u jibqa' ventilat b'mod adegwat u persuna responsabbli tkun ippruvatu w iċċertifikatu bla periklu għal min irid jidħol fih mingħajr apparat tan-nifs.

Sustanza splussiva jew li tieħu n-nar.

19. (1) Meta, in konnessjoni ma' xi proċess li jikkawża trab, gass, fwar jew sustanza, jista' jintefa' trab, gass jew fwar ta' dik l-għamla u ta' dak il-qies li jista' jisplodi mal-inqas xrara, għandhom jittieħdu dawk il-miżuri kollha prattiċi meħtieġa sabiex jiġi evitat li jkun hemm xi splużżjoni u dan billi jiġi konfinat l-impjant li jintuża' fil-proċess, u billi jitneħħa jew ma jitħalliex jinġabar trab, gass, fwar jew xi sustanza li tista' tintefa' 'l barra, minkejja l-konfinament, u billi jiġu eskluż jew effettivament konfinati dawk is-sorsi li minnhom possibbli toħroġ l-inqas xrara ta' nar.

(2) Ebda impjant, tank jew reċipjent li jkun fih jew kellu fih xi sustanza splussiva jew li tista' tieħu n-nar ma għandu jkun suġġett —

(a) għal xi xogħol tal-iwweldjar, ibbrejżjar jew issaldjar;

(b) għal xi xogħol ta' qtugħ li jidħol fih l-użu tas-sħana;

(ċ) għal xi xogħol li jidħol fih l-użu tas-sħana bil-għan li jiżżarma jew jitneħħa l-impjant, it-tank jew ir-reċipjent jew xi parti minnu,

sakemm ma jittieħdux dawk il-miżuri prattiċi kollha biex titneħħa s-sustanza u dawk il-fwawar kollha li joħorġu minnha, jew biex jinġiebu fi stat li ma jistgħux jisplodu jew li jieħdu n-nar.

TAQSIMA II
SAĦĦA U ĦSIEB ĠENERALI
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Indafa.

20. Kull fabbrika għandha f'kull żmien tinżamm nadifa u ħielsa minn kull riħa ġejja minn xi drenaġġ, lok sanitarju jew ħmieġ, u, mingħajr ma jitnaqqas mill-ġeneralità ta' din id-dispożizzjoni ta' qabel:—

(a) il-ġbir ta' ħmieġ u rimi għandu ta' kull jum jitneħħa b'mezz xieraq mill-qiegħa u mill-bankijiet ta' fejn isir ix-xogħol, u mit-turġien u kurituri;

(b) il-qiegħa ta' kull fejn isir ix-xogħol u l-ħitan sal-għoli ta' żewġ metri mill-art għandhom jitnaddfu ta' mill-anqas darba fil-ġimgħa billi jinħaslu jew, jekk ikun jgħodd u jixraq, bil-knis jew xort'oħra;

(ċ) il-ħitan kollha ġewwenin u l-oqsma kollha u s-soqfa kollha jew in-naħa ta' fuq tal-kmamar, u l-ħitan, ġnub u n-naħiet ta' fuq kollha tal-kurituri u tat-turġien għandhom jinħaslu, jitbajjdu jew jinżebgħu ħekk kif jiġi ordnat mill-Awtorità Sanitarja.

Iffullar.

21. Fil-waqt li jkun qed isir ix-xogħol ġo fabbrka, dina ma għandhiex tkun ħekk iffullata bin-nies li tista' minn ħekk tinħoloq ħsara fis-saħħa tan-nies li jkunu jaħdmu hemmhekk.

Temperatura.

22. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jżomm f'kull kamra li fiha jkunu qegħdin jaħdmu l-impjegati (ħlief jekk dan ikun għal perjodi qosra) temperatura li kemm jista' jkun hija waħda prattika u komda li tinżamm meta wieħed iqis it-tip ta' xogħol li jkun qed jinħadem.

(2) Ħadd ma jista' jiġi mpjegat biex jaħdem xogħol regolari u fit-tul f'ambjent ta' sħana li ma jkunx, skond il-fehma tal-Awtorità Sanitarja, adattat għal dak it-tip ta' xogħol jew li jista' jkun ta' detriment għas-saħħa.

(3) Ħadd ma jista' jiġi mpjegat biex jaħdem xogħol regolari u fit-tul li jkun fil-qrib ħafna ta' makkinarju jew materjal li jitfa' sħana mill-iktar qawwija jew li jagħti lok għal kesħa mill-aktar qawwija fl-ambjent tax-xogħol ta' impjegat f'dak il-ħin, f'kull każ kif ikun meqjus mill-Awtorità Sanitarja li hu ta' detriment għas-saħħa, sakemm ma jittieħdux miżuri xierqa u effettivi sabiex jitneħħa kull riskju jew sakemm ma jiġix provvdut makkinarju jew ilbies protettiv u effettiv.

(4) Kull meta jkun ħekk meħtieġ, jew ħekk kif jintalab mill-Awtorità Sanitarja, paraventi imwaħħlin jew li jitmexxew, defletturi jew kull apparat xieraq ieħor li jipproteġi l-ħaddiem mill-kesħa jew mis-sħana, għandu jiġi pprovdut u miżmum tajjeb minn min iħaddem.

(5) Ebda persuna ma għandha tuża xi metodu biex issaħħan jew biex tkessaħ li x'aktarx ikun ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew li fil-proċess jista' jitfa' dħaħen noċivi jew tossiċi.

23. Għandu jinħaseb sew u b'mod effettiv sabiex, skond ma tkun trid l-Awtorità Sanitarja biex ikun hemm u tinżamm sew ċirkolazzjoni ta' arja safja jew li tkun mitfugħa b'mod artifiċjali f'kull kamra tax-xogħol, tinżamm ventilazjoni xierqa fil-kamra, u sabiex isir dak li jkun meħtieġ ħalli safejn jista' jkun ma jagħmlux ħsara d-dħaħen, trabijiet u l-ħwejjeġ l-oħra kollha li jistgħu iħassru s-saħħa meta dawn jinqalgħu mix-xogħol jew minn xi metodu ta' xogħol użat fil-fabbrika. Ventilazzjoni.

Iżda meta kamra tax-xogħol hija għal kollox jew kważi għal kollox ventilata b'mod mekkaniku, għandu jkun hemm provdut mod ta' ventilazjoni ta' emerġenza sabiex jintuża f'każ ta' xi qtugħ fis-sistema prinċipali.

24. (1) Għandu jsir kull ma jinħtieġ skond ma tkun trid l-Awtorità Sanitarja, sabiex ikun hemm mingħajr ma jonqos dwal biżżejjed u xieraq f'kull naħa ta' fabbrika fejn in-nies ikunu qed jaħdmu u minn fejn jgħaddu. Dwal.

(2) It-twieqi u t-tamboċċi kollha bil-ħġieġ li jdawlu fejn isir ix-xogħol għandhom, safejn jista' jkun, jinżammu ndaf sew kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa:

Iżda dan il-paragrafu ma jolqotx it-tibjid jew il-fatt li jitgħattew it-twieqi u tamboċċi għall-għan li titnaqqas is-sħana jew id-dija qawwija tax-xemx.

(3) Is-Suprintendent jista' jeħtieġ li l-post tax-xogħol ikun provvist b'mezzi sabiex jista' jkun hemm dwal ta' emerġenza.

25. Meta jinħadem xi metodu li bih il-paviment jista' jixxarrab b'xi likwidu, għandu jsir u jinżamm kull ma jinħtieġ sabiex dak it-tixrib ikun jista' jitneħħa. Tnixxif tal-paviment.

26. Għandu jkun hemm lokijiet sanitarji biżżejjed u xerqin għan-nies li jaħdmu ġewwa fabbrika, u dawk il-lokijiet sanitarji għandhom jinżammu fi stat tajjeb u ndaf, u għandu jinħaseb sew għat-tidwil ta' dawk il-lokijiet sanitarji u, fejn jitħaddmu jew ikun hemm il-ħsieb li jitħaddmu rġiel u nisa (ħlief meta n-nies li huma biss jaħdmu fil-post ikunu ta' l-istess familja u jkunu jgħammru hemm), dawk il-lokijiet sanitarji għandhom ikunu mifrudin sewwa: tan-nisa għalihom u tal-irġiel għalihom, skond ma tkun trid l-Awtorità Sanitarja. Dawn il-lokijiet sanitarji għandhom f'kull żmien jinżammu nodfa, fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u pprovduti b'mezzi adegwati għall-ħasil tal-idejn. Lokijiet sanitarji.

27. (1) Kull fejn xi impjegati għandhom, fiż-żmien ta' l-impieg tagħhom, opportunitajiet raġjonevoli biex joqogħdu bil-qegħda bla ħsara għax-xogħol tagħhom, għandu jkun hemm provduti u miżmumin sew għall-użu tagħhom faċilitajiet xierqa fejn wieħed ikun jista' joqgħod bil-qegħda, li jkunu biżżejjed għalihom biex jinqdew b'dawk il-mezzi. Fejn wieħed joqgħod bil-qegħda.

(2) Fejn il-biċċa l-kbira tax-xogħol jista' jsir sewwa bil-qegħda —

(a) għandu jkun hemm provdut u miżmum sew għal kull impjegat li jagħmel dak ix-xogħol siġġu ta' diżinn, għamla u qisien

tajbin għalih u li jitqiegħed f'pożizzjoni xierqa għax-xogħol tiegħu sabiex huwa jkollu qagħda fiżika tajba għax-xogħol, u fejn ikun meħtieġ, għandu jkun hemm mirfes fuqhiex wieħed jista' jserraħ saqajh bil-kumditàjekk ma jkunx jista' jagħmel dan mingħajr mirfes;

(b) dawn l-arranġamenti għandhom isiru b'mod illi s-siġġu jkun appoġġat b'mod adegwat u tajjeb waqt li jkun qed jintuża għall-għan li għalih ikun provdut; u

(ċ) għall-fini ta' dan ir-regolament, il-kelma "xieraq" għandha t-tifsir li jingħatalha skond iċ-ċirkostanzi mid-Direttur u mill-Awtorità Sanitarja.

(3) Għall-finijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament il-qisien ta' siġġu li jista' jiġi aġġustat għandhom ikunu l-qisien tiegħu li jseħħu fiż-żmien li fih ikun aġġustat.

(4) Min iħaddem għandu d-dmir li jgħallem sew lill-impjegat dwar kif juża sew u b'mod adegwat siġġijiet li jistgħu jiġu aġġustati.

Ilma għax-xorb.

28. Għandha titqiegħed u tinżamm ħażna xierqa ta' ilma tajjeb għax-xorb f'postijiet li jaqblu fejn in-nies li jkunu jaħdmu hemm ikunu jistgħu jilħquha sew.

Imkejjen għall-ħasil.

29. (1) Għandu jkun hemm maħsubin u miżmumin tajjeb għall-użu tan-nies li jaħdmu hemm, imkejjen biżżejjed u tajbin biex jinħaslu, u dawn l-imkejjen għandhom ikunu milħuqin kif jixraq.

Għall-fini ta' dan ir-regolament, imkejjen għall-ħasil jinkludu ilma nadif b'temperaturi kontrollati sewwa, sapun jew materjal simili, xkupilji ta' l-idejn, u xugamani jew faċilitajiet oħra għall-inxif.

(2) Għandhom ikunu provduti faċilitajiet separati għall-ħasil għaż-żewġ sessi u meta fl-opinjoni ta' l-Awtorità Sanitarja ix-xorta tax-xogħol tkun hekk teħtieġ, għandhom ukoll ikunu provduti minn min iħaddem doċċi separati għaż-żewġ sessi b'ilma b'temperaturi kontrollati sewwa.

Iżda s-Suprintendent jista' jeħles lil min iħaddem, għal kollox jew f'xi parti, mill-ħtiġijiet ta' dan ir-regolament, fejn minħabba fil-wisa', in-natura tax-xogħol jew għal xi raġuni valida oħra, l-osservanza tiegħu ma tistax titwettaq b'mod prattiku u raġonevoli.

Imkejjen għall-ħwejjeġ.

30. (1) Għandhom jitqegħdu u jinżammu sew fil-post tax-xogħol, faċilitajiet xierqa għall-impjegati fejn ibiddlu w iħallu u jnixxfu ħwejjiġhom li ma jintlibsux waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

(2) Għandhom jingħataw faċilitajiet separati għall-ħwejjeġ ta' impjegati li jkunu mdaħħla f'xogħlijiet li jistgħu jwasslu biex ħwejjiġhom ikunu kontaminati, imdennsa ħafna, imtebba' jew imċappsin sew.

(3) Kull fejn in-numru tal-ħaddiema u x-xorta tax-xogħol

tagħhom ikunu hekk jeħtieġu, għandu jkun hemm kmamar separati fejn kemm l-irġiel u n-nisa jkunu jistgħu jużawhom għat-tibdil, skond ma tkun trid l-Awtorità Sanitarja.

Fejn wieħed jiekol.

31. Min iħaddem għandu jkun marbut li jipprovdi lok xieraq u sew fejn ikunu jistgħu jieklu dawk l-impjegati li jkollhom jibqgħu jieklu juq il-post tax-xogħol. L-Awtorità Sanitarja għandu jkollha s-setgħa li taqtagħha jekk il-faċilitajiet għall-ikel humiex xierqa u biżżejjed skond ix-xorta ta' stabbiliment li jkun u x-xorta ta' xogħol li jkun qed isir hemm ġew.

TAQSIMA III

SAĦĦA, SKANSAR U ĦSIEB ĠENERALI

Dispożizzjonijiet Speċjali

Kantini.

32. Ebda xogħol ma għandu jsir f'kamra taħt l-art (kemm-il darba ma tkunx xi kantina miżmuma biss bħala maħżen) li ma tkunx, fl-opinjoni tal-Awtorità Sanitarja, tajba għax-xogħol minħabba kif tkun mibnija, il-għoli tagħha, kif tkun imdawla jew ventilata, jew għax b'xi mod ieħor tista' tagħmel ħażin għas-saħħa, jew minħabba li ma jkunx hemm biż-żejjed minn fejn wieħed jaħrab minn din il-kantina jekk jiġri xi ħruq.

Makni taż-żejt.

33. Ebda makna taż-żejt ma għandha titħaddem kemm-il darba

(a) ma jkunx ittieħed ħsieb sabiex il-gass ta' l-*exhaust* mill-makna jinfexxu fl-arja ta' barra; u

(b) il-makna (ħlief meta titħaddem sabiex tiġi ppruvata) ma tkunx hekk mifruda minn kull kamra tax-xogħol jew minn sehem minn kamra tax-xogħol, fejn ikun hemm in-nies qed jaħdmu minbarra n-nies li jkunu qed jieħdu ħsieb il-makna, b'mod li ebda dħaħen mill-makna li jagħmlu d-deni ma jitħalltu ma' l-arja tal-kamra jew tas-sehem mill-kamra.

Meta n-nisa u ż-żgħażagħ ma jistgħux jiġu mpjegati.

34. Hadd ma jista', mingħajr l-approvazzjoni tas-Suprintendent, iħaddem, jew iħalli li tiġi mpjegata miegħu xi mara jew żagħżugħ fi, jew jesponi lil xi mara jew żagħżugħ għal:

(a) xogħol ħdejn forn fejn issir ir-riduzzjoni jew it-trattament taż-żingu jew minerali naturali li minnhom jinħareġ iċ-ċomb;

(b) mess bl-idejn, trattament jew riduzzjoni ta' rmied li jkun fih iċ-ċomb, jew it-tidwib tal-fdal taċ-ċomb jew taż-żingu;

(ċ) manifattura ta' stann jew taħlit ta' metall li jkun fih aktar minn għaxra fil-mija ċomb;

(d) taħlit jew mili bil-pasta li għandu x'jaqsam mal-manifattura jew tiswija ta' batteriji elettriċi;

(e) tindif ta' kmamar tax-xogħol fejn isiru xi wieħed jew aktar mill-proċessi msemmija; u

(f) xi proċess li jkun jinvolvi li wieħed ikollu jiffaċja fuq ix-xogħol radjazzjoni li tista' tkun kemm *ionising*, kemm *non-ionising*.

Fejn wieħed jiekol fi snajja' perikoluži.

35. (1)Fejn f'xi kamra jintużaw l-arseniku jew xi sustanza oħra velenuża b'mod li jikkawżaw trab jew duħħan, ħadd ma għandu jitħalla jieħu ikel jew xorb f'dik il-kamra.

(2) Fejn f'xi kamra jsir proċess li jikkawża trab tas-silika jew ta' l-asbestos, ħadd ma għandu jitħalla jibqa' f'dik il-kamra fil-ħinijiet li fihom jista' jiekol jew jistrieħ.

(3) Għandu jsir arranġament speċjali sabiex il-persuni mpjegati f'xi kamra kif imsemmija fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament ikunu jistgħu jieħdu l-ikliet tagħhom f'xi mkien ieħor fil-fabbrika.

Ħarsien ta' l-għajnejn.

36. Fil-każ ta' xi proċess li jinvolvi riskju ta' ħsara lill-għajnejn minn biċċiet jew frak imtajrin matul il-proċess, għandhom jingħataw maskri tal-*goggles* xierqa, jew paraventi effettivi, sabiex jitħarsu l-għajnejn tal-persuni mpjegati fil-proċess.

L-irfigħ bl-idejn.

37. Ħadd ma għandu jiġi mpjegat sabiex jerfa', iġorr jew imexxi xi tgħabija tqila li tkun tista' tgħamillu ħsara f'saħħtu.

TAQSIMA IV

PREVENZJONI U KONTROLL TA' MARD FUQ IX-XOGĦOL

Importazzjoni ta' kimika u materjali tossiċi.

38. (1) Ħadd ma jista' jimporta jew ibigħ xi kimika jew materjali li huma tossiċi u ħadd minn min iħaddem ma jista' juża jew iħalli li tintuża xi kimika jew materjal bħal dawk f'xi post tax-xogħol li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, mingħajr ma jkollu, fi kwalunkwè każ, l-approvazzjoni tas-Suprintendent.

(2) Fl-għoti ta' din l-approvazzjoni, kif imsemmija fil-paragrafu (1), is-Suprintendent jista' jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jidhrulu xierqa fl-interess tas-saħħa pubblika.

Sostituzzjoni ta' sustanzi li jagħmlu l-ħsara.

39. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li, sa fejn ikun bir-raġun prattiku jew possibbli, jew meta ħekk ikun meħtieġ mill-Awtorità Sanitarja, jissostitwixxi f'post tax-xogħol sustanza, proċess jew teknika li jagħmlu l-ħsara ma' sustanza, proċess jew teknika oħrajn li jagħmlu inqas ħsara.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, għandhom jgħoddu dawn ir-regoli:—

(a) moli tas-*sandstone* għandhom jiġu sostitwiti b'moli tal-*carborundum;*

(b) sakemm ma jiġix ħekk awtorizzat mis-Suprintendent,

il-benżina għandha tiġi sostitwita b'sustanza oħra solventi li tkun anqas tossika;

(ċ) iż-żebgħat, verniċ, gomom, kollol u sustanzi oħra li jwaħħlu u kull inka m'għandux ikun fihom benżina;

(d) il-bjankett u s-sulfati taċ-ċomb u prodotti oħra taċ-ċomb, m'għandhomx jintużaw fit-tibjid intern ta' bini jew ta' oġġetti fil-bini, jekk il-qoxra niexfa taż-żebgħa wżata jkun fiha aktar minn 2500 parti għal kull miljun parti ta' ċomb metalliku;

(e) il-fosforu abjad jew isfar m'għandux jintuża fil-manifattura ta' sulfarini;

(f) ir-ramel fis-sabbjatura għandu jiġi sostitwit b'azzar imfarrak jew b'ċagħaq irqieq;

(g) *polychlorinated biphenyls* m'għandhomx jintużaw jew jiżdiedu ma' xi żjut, likwidu jew materjal.

Eżami ta' l-arja. fl-ambjent tax-xogħol.

40. (1) Huwa d-dmir ta' min iħaddem li meta jkun hekk meħtieġ mill-Awtorità Sanitarja u kif tkun trid l-istess awtorità, huwa jagħmel arranġamenti sabiex l-atmosfera tal-kmamar tax-xogħol li fihom jinħadmu, jintmessu jew jintużaw sustanzi potenzjalment perikoluż jew noċivi, tiġi kull tant żmien eżaminata.

(2) Dawn l-eżamijiet għandhom isiru f'intervalli ta' żmien li jkunu biż-żejjed frekwenti sabiex jiġi aċċertat li trabijiet, dħaħen, gass, fibri, ċparijiet jew fwawar tossiċi jew irritanti ma jkunux jeżistu fi kwantitajiet li, fl-opinjoni tal-Awtorità Sanitarja, ikunu jistgħu iħassru s-saħħa, u sabiex jiġi aċċertat li tkun qegħda tinżamm atmosfera li wieħed jista' jirrespira nifs sew ġewwa fiha.

(3) Ma għandux isir xogħol jew dħul f'xi post fejn wieħed għandu għaliex jissuspetta li l-atmosfera hija tossika, velenuża, li tifga jew li b'xi mod ieħor tagħmel ħsara għas-saħħa, u dan sakemm l-atmosfera tkun ġiet eżaminata sew u nstabet ħielsa minn xi periklu għas-saħħa.

(4) Min iħaddem għandu bl-istess mod jara li jkun hemm eżami kull tant żmien ta' l-ambjent tax-xogħol fejn ikun hemm saram qawwi dwar is-saħħa, il-ħsejjes u influwenzi oħra fiżiċi.

(5) L-eżamijiet kollha msemmijin f'dan ir-regolament għandhom isiru minn nies imħarrġin u, meta jkun possibbli, dawn għandhom ikunu sorveljati minn nies kwalifikati li jkollhom esperjenza fi ħwejjeġ ta' saħħa fuq ix-xogħol u fuq l-iġjene.

Ħżin ta' sustanzi kimiċi.

41. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li s-sustanzi kimiċi li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa, jinħażnu b'mod u f'post ta' ebda periklu.

(2) Bla ebda ħsara għall-ġeneralità ta' dan ir-regolament dawn l-arranġamenti għandhom jinkludu l-użu ta' reċipjenti adegwati għall-ħażna tas-sustanza perikoluża, il-ħażna mingħajr periklu tar-reċipjenti, l-ittikkettjar tagħhom b'simbolu li jfisser periklu, il-maneġġjar sew tagħhom u meta jkun hemm bżonn tingħata indikazzjoni dwar ix-xorta tar-riskju, l-isem tas-sustanza jew indikazzjoni biex

din tingħaraf u, sakemm ikun prattiku, dawk l-istruzzjonijiet essenzjali sabiex jingħataw dettalji dwar l-ewwel għajnuna li jkollha tingħata li kieku s-sustanza kellha tikkawża ħsara fis-saħħa jew feriment.

(3) Meta jkun hemm riskju minn xi gass, dawk iċ-ċilindri li jkun fihom dan il-gass għandhom jinħażnu f'postijiet li kemm jista' jkun għandhom ikunu ventilati sew u li jkunu kemm jistgħu 'l bogħod mill-post tax-xogħol.

Avviż dwar mard fuq ix-xogħol.

42. Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li javża minnufih lis-Suprintendent meta xi wieħed mill-impjegati tiegħu jaqbad xi marda jew jiġrilu xi ħaġa fuq ix-xogħol l-istess bħalma huma dawk l-okkorrenzi li jeħtieġ li jiġu avżati minn tabib skond l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

Kap 51

Eżami mediku ta' l-impjegati.

43. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jagħmel arranġamenti adegwati li jkunu skond ma jrid is-Suprintendent, sabiex isir eżami mediku ta' dawn il-persuni qabel ma jibdew l-impieg tagħhom miegħu u kull tant żmien wara:

(a) persuni taħt it-tmintax-il sena;

(b) persuni li jkunu qegħdin jaħdmu f'xi xogħol indikat fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Għandu jkun id-dmir tat-tabib li jkun qed jagħmel l-eżami li joħroġ ċertifikat lil min iħaddem li jindika li wieħed huwa b'saħħtu għar-rigward ta' kull impjegat li jkun eżamina. Kopja ta' dan iċ-ċertifikat tista' wkoll tingħata, meta hekk tintalab, lill-impjegat.

(3) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jżomm reġistru fil-fabbrika li fih għandhom jitniżżlu r-riżultat ta' l-eżami mediku, kull kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li ssir mit-tabib u d-data meta impjegat ikun imissu jagħmel eżami mediku ieħor.

(4) Il-ġentitur jew it-tutur ta' impjegat li hu żagħżugħ għandu jkollu d-dritt li jkun preżenti filwaqt li jkun qed isir dak l-eżami mediku, u jekk dak l-impjegat jinstab li ma jkunx f'saħħtu, dak il-ġenitur jew tutur jista' jitlob lit-tabib li jkun għamel l-eżami biex jiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet li wassluh għal dik id-deċiżjoni.

(5) Fil-każ ta' eżamijiet mediċi dwar persuni li jkunu qed jaħdmu fuq xogħlijiet indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, it-tabib jista' jissospendi impjegat mix-xogħol għal dak iż-żmien li jista' jkun meħtieġ, u għandu jniżżel din id-deċiżjoni fir-reġistru indikat fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament u għandu javża minnufih lis-Suprintendent b'din id-deċiżjoni.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament jistgħu jitwettqu wkoll mis-Suprintendent.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* dwar kull impjegat li saħħtu tkun qegħda, skond l-Awtorità Sanitarja, tbati b'riżultat tax-xogħol li jkun qiegħed jagħmel, jew dwar impjegat li minħabba xi infezzjoni jew marda oħra li jkollu, jista' jkun ta' periklu għall-oħrajn.

(8) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jinforma lis-Suprintendent bl-isem tat-tabib li jkun għamel l-eżami mediku kif meħtieġ minn dan ir-regolament.

(9) Ir-reġistru ta' l-eżamijiet mediċi għandu jkun miftuħ għall-ispezzjoni ta' uffiċjal mediku li jkun awtorizzat mis-Suprintendent u ma għandux jiġi distrutt jew b'xi mod ieħor imneħħi mingħajr il-kunsens tas-Suprintendent.

(10) Ebda impjegat ma jista' jirrifjuta li jattendi għal xi eżami mediku meħtieġ taħt dan ir-regolament.

(11) Ebda impjegat ma għandu jkun responsabbli għal xi spejjeż li joħroġ min iħaddmu b'riżultat ta' dawn l-eżamijiet, anqas ma għandu jbati xi tnaqqis fil-paga jew xi tnaqqis fil-benefiċċju dwar ħin mitluf sabiex ikun jista' jattendi għal dawn l-eżamijiet jew għal xi investigazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom.

(12) Ebda dispożizzjoni f'dan ir-regolament ma għandha tkun ta' xkiel għas-Suprintendent milli jordna lil min iħaddem sabiex jagħmel arranġamenti għall-eżami mediku ta' xi wieħed jew aktar mill-impjegati tiegħu f'kull żmien.

Tneħħija ta' skart industrijali.

44. (1) Ħadd ma jista' jneħħi jew jeħles minn xi skart industrijali ħlief kif jiġi ordnat lilu mill-Awtorità Sanitarja.

(2) Is-Suprintendent jista' jimponi kull kundizzjoni li jista' jqis xieraq dwar it-tneħħija jew ħelsien minn dan l-iskart u b'mod partikulari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' din id-dispożizzjoni, huwa jista' —

(a) jistabilixxi l-ikbar konċentrazzjoni ta' xi sustanza kimika li jista' jkun hemm f'dak l-iskart qabel ma jitneħħa jew jinħeles, kif ukoll l-ikbar ammont ta' dan l-iskart li jista' jitneħħa jew jinħeles f'daqqa;

(b) jispeċifika l-metodu u l-qies ta' trattament li jista' jkun meħtieġ qabel it-tneħħija jew ħelsien;

(ċ) jeħtieġ ċertifikat, skond ma jkun irid l-istess Suprintendent, li jkun jiddikjara li dak l-iskart ikun ġie trattat sal-qies meħtieġ u bil-metodu meħtieġ;

(d) jindika l-post u l-metodu ta' tneħħija jew ħelsien u min jista' jaħdem f'din it-tneħħija jew ħelsien.

TAQSIMA V

DMIRIJIET ĠENERALI

Dmirijiet ta' min iħaddem u ta' dawk għal rashom lejn min ma jaħdimx magħhom.

45. (1) Huwa d-dmir ta' kull min iħaddem li jmexxi l-ażjenda tiegħu filwaqt li jiżgura, b'mod raġonevoli u prattiku, li persuni li ma jkunux impjegati tiegħu, iżda li jistgħu jintlaqtu minn xogħol tiegħu, ma għandhom ikunu bl-ebda mod esposti għal riskju f'saħħithom jew għas-sigurtà tagħhom.

(2) Huwa d-dmir ta' kull min jaħdem għal rasu li jmexxi l-ażjenda tiegħu b'tali mod li jiżgura, b'mod raġonevoli u prattiku, li kemm hu kif ukoll oħrajn li ma jkunux impjegati miegħu, u li jistgħu jintlaqtu minn xogħol tiegħu, ma għandhomx ikunu esposti għal riskji f'saħħithom jew għas-sigurtà tagħhom.

Dmirijiet ta' ħaddiema tas-snajja' eċċ. dwar oġġetti u sustanzi li jintużaw fuq ix-xogħol.

46. (1) Huwa d-dmir ta' kull min ifassal, jimmanifattura, jimporta jew iforni xi oġġett li jintuża fuq ix-xogħol —

(a) li jiżgura, b'mod raġonevoli u prattiku, li l-oġġett hu mfassal u magħmul b'mod li jkun bla periklu u mingħajr ebda riskju għas-saħħa ta' min jużah sew; u

(b) li jieħu dawk il-miżura meħtieġa sabiex jiżgura li jingħata dwar l-użu ta' dak l-oġġett fuq ix-xogħol, tagħrif biżżejjed dwar l-użu li tfassal u ġie ppruvat għalih, u dwar kull kundizzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat illi, meta dan l-oġġett ikun qiegħed hekk jintuża, dan ikun bla periklu u mingħajr ebda riskju għas-saħħa.

(2) Huwa d-dmir ta' kull min jimmanifattura, jimporta jew jissupplixxi xi sustanza li tintuża fuq ix-xogħol —

(a) li jiżgura, b'mod raġonevoli u prattiku, li s-sustanza mhijiex perikoluża u mingħajr ebda riskju għas-saħħa ta' min jużaha sew; u

(b) li jieħu dawk il-miżura meħtieġa sabiex jiżgura li jingħata dwar l-użu ta' dik is-sustanza fuq ix-xogħol, tagħrif biżżejjed dwar ir-riżultati ta' xi provi adegwati li setgħu saru fuq is-sustanza nnifisha jew b'mod li għandu x'jaqsam magħha u dwar kull kundizzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat illi, meta din is-sustanza tkun qed tintuża sew, din tkun bla periklu u mingħajr ebda riskju għas-saħħa.

(3) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament oġġett jew sustanza ma jitqisux li qed jintużaw sew jekk dawn jintużaw mingħajr ma jitqiesu xi tagħrif jew twissija dwar l-użu tagħhom li jkunu saru minn min ikun fassalhom, immanifatturahom, impurtahom jew fornihom.

Dmir li wieħed ma jmissx, juża xi ħaġa ħażin.

47. Ħadd ma għandu bil-ħsieb jew bi traskuraġni jindaħal biex imiss jew juża xi ħaġa ħażin li tkun ġiet provvista għal raġunijiet ta' saħħa, skansar u ħsieb ġenerali skond xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

L-impjegat ma għandux iħallas.

48. Ħadd minn min iħaddem ma għandu jiġbor jew iħalli li jingħabar mingħand xi mpjegat tiegħu xi ħlas dwar xi ħaġa li ssir jew li tiġi provvista għal raġunijiet ta' saħħa, skansar jew ħsieb ġenerali skond xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Dmirijiet ta' min iħaddem lejn l-impjegati tiegħu.

49. (1) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti kull min iħaddem għandu jieħu dawk il-miżuri kollha prattiċi sabiex jiżgura, b'mod prattiku u raġonevoli, is-saħħa, skansar u ħsieb ġenerali fuq ix-xogħol tal-impjegati kollha tiegħu.

(2) Kull min iħaddem għandu jieħu dawk il-miżuri kollha prattiċi sabiex jara fejn huma jekk ikun hemm, il-perikli li jkollhom x'jaqsmu ma' xi proċess tax-xogħol jew ma' xi sustanza.

(3) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dmir ta' min iħaddem, kif indikat fil-paragrafi ta' qabel f'dan ir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-ħwejjeġ li dwarhom jittratta wkoll dak id-dmir jinkludu in partikulari:

(a) li jkun hemm u jinżammu sew impjant u sistema' ta' xogħol li jkunu, b'mod prattiku u raġonevoli, mingħajr periklu u mingħajr riskju għas-saħħa;

(b) li ma jkunx hemm tfigħ ta' sustanzi noċivi u li l-ħaddiema jiġu protetti minn aġenti fiżiċi li jikkaġunaw il-ħsara, inklużi l-ħsejjes, id-damdim u s-sħana, u minn mikrobi bijoloġiċi;

(ċ) li meta jsir xi xogħol perikoluż, dan isir fi kmamar jew f'bini separat li fihom ikun hemm l-inqas numru ta' ħaddiema li għandhom ukoll ikunu protetti kontra kull saram li joħroġ mix-xogħol tagħhom, jew li dan ix-xogħol isir f'apparat magħluq sabiex jiġi evitat il-kuntatt personali ma' sustanzi noċivi u l-ħelsien fl-arja tal-kamra tax-xogħol ta' trabijiet, dħaħen, gass, fibri, ċpar jew fwar fi kwantitajiet li jistgħu iħassru s-saħħa;

(d) li jitneħħew mill-post fejn joriġinaw jew minn viċin tiegħu, permezz ta' sistemi mekkaniċi ta' ventilazzjoni tal-*exhaust* jew ta' sistemi oħra tajbin, trabijiet, dħaħen, gass, fibri, ċpar jew fwar noċiv, meta dawn ma jistgħux jiġu evitati b'mod ieħor skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(e) li meta miżuri oħra biex jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiema kontra dawn l-aġenti ma humiex prattiċi jew biż-żejjed biex jiżguraw protezzjoni adegwata, jew hekk kif tkun trid l-Awtorità Sanitarja, il-ħaddiema għandhom jingħataw ilbies u tagħmir protettiv u mezzi oħra ta' protezzjoni personali li jistgħu ikunu meħtieġa biex jipproteġuhom mill-effetti ta' aġenti noċivi, u għandhom jiġu mgħallmin dwar l-użu tagħhom; dan l-ilbies u tagħmir għandu jiġi fornit, jitnaddaf u jinżamm sew minn min iħaddem; meta dan l-ilbies jew tagħmir protettiv jista' jkun kontaminat b'xi sustanza velenuża jew noċiva, dan għandu, f'kull żmien meta ma jinħtieġx għax-xogħol jew għat-tindif jew għat-tiżmim sew minn min iħaddem, jinżamm f'lokalita' li tkun għal kollox maqtugħa, fejn ma jkunx jista' jikkontamina il-ħwejjeġ personali li juża l-ħaddiem;

(f) li jiżgura, b'mod prattiku u raġonevoli, li ma jkunx hemm periklu u riskji għas-saħħa f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu, maniġġar, ħżin u trasport ta' oġġetti u sustanzi;

(g) li jagħti dak it-tagħrif, tagħlim, tahriġ u superviżjoni

sabiex jiżgura, b'mod prattiku u raġonevoli, is-saħħa u nuqqas ta' periklu fuq ix-xogħol tal-impjegati tiegħu; u

(ħ) li jżomm il-post tax-xogħol taħt il-kontroll tiegħu sew sabiex dan jinżamm f'kundizzjoni fejn ma jkunx hemm periklu u riskji għas-saħħa, u li jipprovdi u jżomm sew mogħdijiet ta' dħul u ħruġ mill-post li jkunu mingħajr periklu u mingħajr riskji għas-saħħa.

(4) Huwa d-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li l-impjegati jkunu mgħarrfin b'kull periklu li hemm fix-xogħol partikulari tagħhom, bil-ħtieġa li jittieħdu dawk il-miżuri ta' protezzjoni indikati, bl-obbligu tagħhom li jikkoperaw u ma jfixklux it-tħaddim sew ta' dawn il-miżuri, u bl-obbligi tagħhom li jużaw sew l-apparat, l-ilbies u t-tagħmir li jingħatalhom għall-protezzjoni tagħhom.

Dmirijiet ta' l-impjegati.

50. (1) Kull impjegat għandu waqt li jkun għax-xogħol —

(a) jieħu kull ħsieb b'mod raġonevoli dwar is-saħħa u n-nuqqas ta' periklu tiegħu nnifsu u ta' persuni oħra li jistgħu jintlaqtu b'dak li jagħmel, jew jonqos li jagħmel, f'xogħlu; u

(b) dwar kull dmir jew ħtieġa mitlubin minn min iħaddem jew kull persuna oħra skond jew b'xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jikkopera miegħu sakemm ikun hekk meħtieġ sabiex dak id-dmir jew dik il-ħtieġa jkunu jistgħu jitwettqu jew iseħħu; u

(ċ) b'ebda mod, kemm jekk bil-ħsieb jew bi traskuraġni, ma jindaħal jew juża ħażin xi ħaġa li tkun ġiet provvista għal raġunijiet ta' saħħa, skansar u ħsieb ġenerali skond xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull impjegat li jingħatalu xi lbies jew tagħmir protettiv għandu juża sew dan l-ilbies jew tagħmir mogħti lilu.

(3) Ħadd ma għandu joqgħod imiss xi tagħmir jew apparat li jkun provvdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati b'mod li jġib dan it-tagħmir jew apparat ineffettiv jew mhux xieraq sabiex jaħdem kif kien fil-bidu maħsub li jaħdem, jew juża ħażin xi ħaġa li tkun ġiet provvista skond kif imsemmi qabel, jew jagħmel xi ħaġa, tkun li tkun, li tista' tkun ta' saram għas-saħħa ta' l-impjegati sħabu.

TAQSIMA VI

TAGĦRIF DWAR INĊIDENTI

Tagħrif dwar inċidenti.

51. (1) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti kull inċident li jiġri kawża tax-xogħol jew in konnessjoni miegħu li jagħti lok jew għal —

(a) mewt jew feriment gravi ta' xi persuna; jew

(b) fil-każ ta' impjegat fuq ix-xogħol, f'li dak l-impjegat ikun inkapaċitat milli jaħdem għal iktar minn tliet ijiem wara xulxin,

minbarra dawk il-ġranet meta ma huwiex mistenni li jmur għax-xogħol;

għandu jkun inċident li għandu jingħata tagħrif dwaru u għandu għalhekk jiġi rappurtat lid-Direttur.

(2) (a) Meta inċident li għandu jingħata tagħrif dwaru jagħti lok għall-mewt jew feriment gravi ta' persuna, min iħaddem għandu —

(i) javża minnufih lid-Direttur jew lir-rappreżentant tiegħu bl-iktar mod prattiku u mingħajr dewmien; u

(ii) fi żmien sebat ijiem mid-data ta' l-inċident jibgħat avviż ta' l-inċident bil-miktub lid-Direttur;

(b) meta l-inċident li għandu jingħata tagħrif dwaru jkun jaqa' taħt is-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, min iħaddem għandu jinforma lid-Direttur bil-miktub jew b'mezz ieħor xieraq, fi żmien sebat ijiem mid-data ta' l-inċident.

(3) F'dan ir-regolament "feriment gravi" ifisser —

(i) ksur tar-ras, spina tad-dahar jew pelvis;

(ii) ksur ta' xi għadma minbarra l-polz jew l-għaksa;

(iii) qtugħ ta' xi id jew sieq;

(iv) telfien tal-vista ta' xi għajn; jew

(v) kull feriment ieħor li jagħti lok għaż-żamma tal-ferut fl-isptar għal iktar minn 24 siegħa minbarra ż-żmien ta' osservazzjoni.

TAQSIMA VII
AVVIŻI U REĠISTRI

Dħul ġewwa fabbrika.

52. (1) Bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, kull min jidħol biex jokkupa jew juża xi post bħala fabbrika għandu, fi żmien li ma jkunx inqas minn ġimgħatejn qabel ma jagħmel dan, javża bil-miktub lid-Direttur u lis-Suprintendent li bi ħsiebu jagħmel dan billi jagħti isem min ikun ser jokkupaha, l-indirizz postali tal-fabbrika, it-tip ta' xogħol li jkun sejjer jinħadem, kif ukoll dawk il-partikolaritajiet l-oħra li jistgħu ikunu hekk miktuba.

(2) Min jokkupa fabbrika jista' jibda jagħmel dan fi żmien inqas minn ġimgħatejn qabel ma jkun avża lid-Direttur u lis-Suprintendent, kif provdut fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk id-Direttur jagħti l-permess tiegħu jew jekk min ikun ser jokkupa jidħol minflok xi ħadd ieħor mingħajr ma jibdel it-tip ta' xogħol li jkun isir, b'dan illi huwa għandu jgħarraf lid-Direttur u lis-Suprintendent b'din il-bidla mill-aktar fis possibbli u f'kull każ mhux aktar tard minn ġimgħatejn wara d-dħul tiegħu.

Iżda ħadd ma għandu jagħmel xogħol ta' tibdil strutturali fil-fabbrika, jew ibiddel jew iżid ma' xi proċess ġewwa fabbrika mingħajr il-kunsens tad-Direttur u tas-Suprintendent.

Twaħħil ta' regolamenti.

53. (1) Bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, għandu jitwaħħal fid-daħliet ewlenin ta' fabbrika minn fejn jidħlu l-impjegati—

(a) kopja li tinqara sew u b'mod ħafif ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) kull avviż u dokument li jkunu meħtieġa b'dawn ir-regolamenti li jitwaħħlu fil-fabbrika.

(2) Spettur jista' jordna li d-dokumenti u l-avviżi, kollha jew x'uħud minnhom, imsemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom jitwaħħlu f'dawk l-inħawi tal-fabbrika li jindika, jew flimkien mad-daħliet ewlenin jew minflokhom.

(3) Dawk id-dokumenti u l-avviżi kollha għandhom jitwaħħlu b'dak il-mod li l-impjegati tal-fabbrika jkunu jistgħu jaqrawhom b'mod konvenjenti.

(4) Min iqaċċat, iċappas, iqatta' jew iħassar xi estratt, avviż, regolament jew dokument ieħor li jkunu twaħħlu skond dawn ir-regolamenti, ikun ħati ta' reat.

Reġistri ġenerali.

54. Minbarra r-reġistru li hu meħtieġ li jinżamm skond ir-regolament 43, għandu jinżamm f'kull fabbrika jew f'post barra mill-fabbrika kif jista' jiġi approvat mid-Direttur u mis-Suprintendent, reġistru, li jissejjaħ ir-reġistru ġenerali, li fih jiddaħħlu jew jinthemżu ma' dak ir-reġistru—

(a) il-partikolaritajiet meħtiġin dwar kull każ ta' inċident fuq ix-xogħol jew mard industrijali li jiġru fil-fabbrika li tagħhom irid jingħata avviż lid-Direttur u lis-Suprintendent; u

(b) ir-rapporti u l-partikolaritajiet kollha meħtiġin minn xi dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti; u

(ċ) dawk il-ħtiġijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu.

Konservazzjoni ta' reġistri u dokumenti.

55. Kemm ir-reġistru ġenerali kif ukoll kull reġistru jew dokument ieħor miżmum skond dawn ir-regolamenti, minbarra ir-reġistru meħtieġ skond ir-regolamenti 43, għandhom jinżammu u jkunu disponibbli għall-eżami ta' Spettur għal sentejn wara d-data ta' l-aħħar inseriment fir-reġistru jew dokument.

TAQSIMA VIII

TWETTIQ B'OBBLIGU

Setgħat ta' l-Ispetturi u ta' l-Awtorità Sanitarja.

56. (1) Kull min iħaddem għandu jagħti lill-Ispetturi u lill-Awtorità Sanitarja il-faċilitajiet kollha xierqa u dak it-tagħrif kollu xieraq li huma jitolbu sabiex ikunu jistgħu jaraw jekk id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza jew ta' regolamenti oħra li jaqgħu taħt l-Ordinanza humiex qegħdin jitħarsu.

(2) Sabiex ikunu jistgħu jiġu esegwiti dawn ir-regolamenti, Spettur jew l-Awtorità Sanitarja jistgħu iwettqu s-setgħat hawn imsemmijin:—

(a) li jidħlu f'xi ħin li jkun raġonevoli f'xi fond li jaħsbu li għandhom għaliex jidħlu fih jew li jidħlu fih f'kull ħin meta jidhrilhom li s-sitwazzjoni fih hija jew tista' tkun waħda perikoluża;

(b) li jieħdu magħhom uffiċjal tal-pulizija jekk jaraw li hemm raġuni biż-żejjed li ser isibu xi ostaklu serju fl-esekuzzjoni ta' dmirijithom;

(c) li jieħdu magħhom kull tagħmir jew oġġetti meħtieġa għal kull għan li għalih tkun qed titwettaq is-setgħa tad-dħul;

(d) li jagħmlu dak l-eżami u dik l-investigazzjoni li jistgħu f'xi ċirkostanzi jkunu meħtieġa għal dak il-għan;

(e) li jordnaw li xi fond li għandhom is-setgħa jidħlu fih jew f'xi parti minnu jew xi ħaġa fih, għandhom jibqgħu kif ikunu għal dak it-tul ta' żmien daqskemm ikun bir-raġun meħtieġ għall-għan ta' xi eżami jew investigazzjoni skond is-sub-paragrafu (d) imsemmi;

(f) li jieħdu dawk il-qisien u ritratti fotografiċi u jagħmlu dawk ir-reġistrazzjonijiet li jidhrilhom li jkunu meħtieġa għall-fini ta' xi eżami jew investigazzjoni skond is-sub-paragrafu (d) imsemmi;

(g) li jieħdu kampjuni ta' xi oġġett jew sustanza li jkunu jinsabu ġewwa fond li fih għandhom is-setgħa li jidħlu, u fl-atmosfera ta' ġewwa jew fil-qrib ta' dak il-fond, u li jieħdu pussess ta' dak l-oġġett jew sustanza għal dak it-tul ta' żmien meħtieġ għal dawn l-għanijiet jew għal xi wieħed minnhom:—

(i) sabiex jeżaminawhom u jagħmlulhom kull ma għandhom is-setgħa li jagħmlu skond is-sub-paragrafu (d) imsemmi;

(ii) sabiex jiżguraw li dawn ma jintmessux qabel ma jintemm l-eżami fuqhom;

(iii) sabiex jiżguraw li dawn ikunu disponibbli sabiex jintużaw bħala xiehda f'kull proċediment għal reat skond xi dispożizzjoni rilevanti tal-liġi;

(h) li jordnaw lil kull min bir-raġun jidhrilhom li jista' jagħti xi informazzjoni rilevanti għal kull eżami jew investigazzjoni skond is-sub-paragrafu (d) imsemmi, li jirrispondi (fl-assenza ta' persuni oħra minbarra xi ħadd li jkun nominat minnu u xi nies li l-Ispettur jista' jħalli li jkunu preżenti) dawk il-mistoqsijiet li l-Ispettur jikkunsidra xerqin li jsaqsih, u li jiffirma dikjarazzjoni dwar il-verità tar-risposti tiegħu;

(i) li jordnaw li jiġu prodotti u jispezzjonaw u jieħdu kopji ta' kull inseriment li jsir fi —

(i) kull ktieb jew dokumenti li għandhom jinżammu bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(ii) kull ktieb jew dokument ieħor li jistgħu jinħtieġu minnhom sabiex jarawhom għall-għan ta' xi eżami jew investigazzjoni li ssir skond is-sub-paragrafu (d) imsemmi;

(j) li jeżerċitaw kull setgħa oħra li tkun meħtieġa għal dak il-għan.

(3) Kull min jostakola spettur jew l-Awtorità Sanitarja jew jagħti informazzjoni bil-ħsieb li jfixkel, ikun ħati ta' reat.

Ħatra ta' Spetturi.

57. Kull Spettur għandu jingħata ċertifikat ta' ħatra mid-Direttur, u għandu, meta jkun hekk meħtieġ fl-eżerċizzju jew filwaqt li jkun qed ifittex li jeżerċita s-setgħa mogħtija lilu minn xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jipproduċi dan iċ-ċertifikat jew kopja awtentika tiegħu.

Projbizzjoni ta' kxif ta' tagħrif.

58. Jekk min jiddaħħal ġewwa fabbrika bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bir-regolament 56 ta' dawn ir-regolamenti jikxef lil xi ħadd xi sigriet dwar proċess ta' manifattura jew ta' natura kummerċjali, huwa għandu, sakemm dan il-kxif ma jkunx sar fit-twettiq ta' dmirijietu, jinsab ħati ta' reat.

Setgħa tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li jagħlaq fabbrika, eċċ.

59. (1) Jekk is-Suprintendent isir jaf li xi proċess ġewwa fabbrika jkun qiegħed jinħadem b'mod li jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa ta' l-impjegati jew dik pubblika, huwa jista' jordna lil min iħaddem sabiex jagħmel minn kollox biex ineħħi dan ir-riskju, u jekk min iħaddem jonqos milli jagħmel dan fiż-żmien mogħti fl-ordni, is-Suprintendent jista' jordna iktar li l-fond għandu jinżamm magħluq jew li dan il-proċess ma jitkomplix, jew jista' jagħti xi ordni oħra sabiex jassigura s-saħħa tal-ħaddiema jew dik pubblika.

Iżda s-Suprintendent għandu jieħu l-parir tad-Direttur qabel ma hu jew l-Awtorità Sanitarja jagħtu xi direttiva lil min iħaddem biex jagħlaq il-fond, biex ma jkomplix xi proċess li jista' jolqot il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni ġewwa fabbrika, jew li jista' jagħti lok għall-waqfien mix-xogħol jew tibdil kbir fid-dmirijiet normali ta' impjegati fil-fabbrika, jew li jista' jagħti lok għal spiża kbira li tgħolli sew in-nefqa ta' produzzjoni jew ta' tħaddim tan-negozju ta' min iħaddem.

(2) Jekk min iħaddem jonqos milli josserva l-ordni tas-Suprintendent kif provdut fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, huwa jkun ħati ta' reat.

Twettiq b'obbligu mill-Awtorità Sanitarja.

60. (1) L-Awtorità Sanitarja għandha twettaq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mal-ħsieb ġenerali u mas-saħħa u mal-prevenzjoni u kontroll ta' mard fuq ix-xogħol u kull wieħed mill-uffiċjali ta' l-imsemmija awtorità jista' jittratta każ fil-Qorti:

Iżda d-Direttur għandu jiġi mgħarraf qabel it-twettiq ta' xi deċiżjoni li tkun tolqot l-impieg ta' ħaddiema jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

(2) Is-Suprintendent jista', wara li jkun ikkonsulta lid-Direttur, f'każijiet speċjali jgħaddi mingħajr xi waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa, ħsieb ġenerali u prevenzjoni u kontroll ta' mard fuq ix-xogħol, meta l-osservanza tagħhom ma tkunx tista' għal raġuni ta' spazju jew għal xi kawża oħra ġusta, titwettaq b'mod prattiku.

TAQSIMA IX

REATI U PIENI

Fuq min taqa' l-prova.

61. F'dawk il-proċedimenti dwar reat li jiġi kommess taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-raġun prattika, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattiċi biex issir xi ħaġa, għandu jaqa' fuq l-akkużat li jipprova (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattiku jew bir-raġun prattiku li jagħmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa.

Reati.

62. (1) Fil-każ ta' min jagħmel kontravenzjoni ta' xi wieħed minn dawn ir-regolamenti li b'mod ċar ikun jimponi xi dmir fuqu, huwa għandu jinstab ħati ta' reat u s-sid jew min f'ismu tkun qegħda titmexxa l-fabbrika, kif ikun il-każ, ma jkunx ħati ta' reat sakemm ma jiġix ippruvat li huwa jkun naqas li jieħu dawk il-miżuri kollha bir-raġun meħtieġa sabiex ma jħallix il-kontravenzjoni ssir.

(2) Meta jsir reat li jaqa' taħt dawn ir-regolamenti minn xi korp jew xi assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kull min fil-ħin tat-twettiq tar-reat, kien direttur, *manager,* segretarju jew xi uffiċjal ieħor simili ta' korp jew assoċjazzjoni bħal dawk, jew min kien qiegħed jaqdi xi waħda minn dawk il-funzjonijiet, ikun ħati ta' dak ir-reat sakemm ma jippruvax li r-reat ġie kommess mingħajr ma huwa kien jaf bih u li huwa kien wettaq dmiru b'diliġenza kbira sabiex ma jħallix ir-reat jitwettaq.

Revoka ta' G.N. 458 ta' l-1945.

63. Ir-Regolamenti ta' l-1945 dwar il-Fattoriji (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali) huma b'dan revokati.

SKEDA

(Regolamenti 11 u 43)

Makkinarju Perikoluż

(Taħriġ ta' Żgħażagħ)

L-Ewwel Taqsima

Makkinarju li jitħaddem permezz ta' qawwa mekkanika:

1. Preses li jagħmlu l-madum u l-brikks.
2. Magni li jfettħu li jintużaw fit-tapizzerija u fl-għamla tas-saqqijiet.

3. Magni tal-ħalġ użati fis-sengħa tat-tessuti.
4. *Corner staying machines.*
5. Magni li jremblu l-għaġina.
6. Magni li jagħġnu.
7. *Warm pressure extruding machines.*
8. *Gill boxes* użati fis-sengħa tat-tessuti.
9. Magni użati fil-ħasil tal-ħwejjeġ, bħal:—
   (a) *hydro extractors* (għat-tnixxif tal-ħwejjeġ);
   (b) magni għall-mogħdija tal-ħwejjeġ;
   (ċ) magni tal-ħasil;
   (d) preses li jgħaddu l-ħwejjeġ.
10. Magni ta' l-ikkapuljat.
11. *Milling machines* li jintużaw fix-xogħol tal-metall.
12. Magni li jagħmlu t-torti u l-qassatat.
13. Preses bil-mutur kif ukoll dawk li jaħdmu biż-żejt u dawk li jaħdmu bl-arja kumpressata.
14. Magni bis-skieken.
15. Magni li jġebbdu l-*wire.*
16. Tornijiet semi-awtomatiċi.

It-Tieni Taqsima

Makkinarju li jista' jaħdem kemm permezz ta' qawwa mekkanika kif ukoll mod ieħor:

17. Giljottini.
18. Magni ta' l-istampa *(platen).*